Minuti tal-laqgħa sitta u tlettin (36), tas-seba' legislatura tal-Kunsill Lokali tal-Fontana li saret nhar il-Ġimgħa, 28 t'Awwissu 2015 fit-3.15 ta' wara nofs in-nhar fis-Sala tal-Kommunita' liema laqgħa ġiet imxandra *live* fuq il-website tal-Kunsill.

Preżenti għal laqgħa:

| | | |
|---|---|---|
| | Is-Sur Saviour Borg | Sindku |
| | Is-Sur Horace Micallef | Kunsillier |
| | Is-Sur Carmel Farrugia | Kunsillier |
| | Is-Sur Mario Mercieca | Kunsillier |
| | Is-Sna Odette Camilleri | Segretarju Eżekuttiv |
| | Is-Sur Joseph Mercieca | Ambaxxatur Lokali |
| Skużat: | Is-Sur Victor Cefai | Viċi Sindku |

1. <u>Talba</u>

1.1 Il-laqgħa ġiet ipreseduta mis-Sindku u bdiet b'talba.

2. <u>Qari u Approvazzjoni tal-Minuti</u>

2.1 Il-minuti tal-laqgħa 35 ġiet approvata mill-Kunsill u iffirmati mis-Sindku u s-Seg. Eżekuttiv quddiem il-preżenti.

*Mill-Minuti*

Is-Segretarja infurmat lil preżenti li:

2.2 Bagħtet emejl lil Perit Gordon Vella sabiex jiltaqa' mal-ħaddiema tal-Kunsill sabiex jigwidhom liema filata trid titneħħa mill-ħajt li nbena fi Triq John Gaspard le Marchant u dan sabiex il-Kunsill ikun qed jirregola ruħu mal-MEPA. Il-Perit għadu ma tax risposta lil Kunsill f'dan ir-rigward.

2.3 Ġiet ordnata minn għand Anton Zarb l-*bollard* ta' Triq Wied Siekel eżatt bħal dawk preżenti ser tiġi tiswa €180. Rigward il-*bollards* ta' fejn il-*belvedere* ta' Triq ta' Mulejja, il-Kunsill irċieva korrispondenza minn Transport Malta fejn taw l-awtorizzazzjoni tagħhom biex dawn



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555



S. Borg

jitwaħħlu. Is-Sur Micallef qal li hemm bżonn li dawk il-*bollards* f'Wied Siekel li mhumiex ser ikunu jinqalgħu jitwaħħlu mill-aktar fis bil-konkos. Is-Sindku qal ukoll li dawk il-*bollards* waħda n-naħa ta' fuq u l-oħra n-naħa t'isfel li għandhom il-firoll tal-katnazz mitluf jitranġaw. Kompla jgħid li l-Wied ġie imnaddaf tajjeb ħafna mill-ħaddiema tal-Kunsill. Il-membri qablu li t-tabella li weħlet tan-*no entry* isirilha l-*welding* biex ma tinsteraqx.

2.4 Rigward il-*bollards* tal-*belvedere* ta' Triq ta' Mulejja, s-Sindku qal li billi hemm il-*hedges il-bollards* ma hemmx bżonn ikunu jinqalgħu. Il-membri qablu.

2.5 Is-Seg. Eżekuttiv staqsiet lil membri jekk it-tabella bi vleġġa li qablu li teħel fi Triq il-Għajn għandhiex tiġi ordnata peress li tinsab fi Triq arterja. Is-Sindku propona li ssir ukoll vleġġa ma' l-art. Il-membri qablu li jitwaħħlu żewġ tabelli flok waħda. Is-Sur Micallef għandu jieħu ħsieb li jsiru dawn minn naħħa tal-Ministeru għal Għawdex.

2.6 Rigward l-emejl li ntbgħatet mill-Kunsill lil Sarah Debono ta' l-Eco Serv rigward aktar tindif tal-Wied tax-Xlendi mill-qasab. Is-Sinjura Debono infurmat lil Kunsill li mhux il-kompitu tagħha li tagħti l-awtorizzazzjoni lil Kunsill biex jerġa' jnaddaf il-parti in-niexfa. Is-Sindku qal li ilu xahar li tnaddaf u waħdiet biss telgħu. Is-Sindku qal li hemm bżonn jintbgħatu regolari l-ħaddiema tal-Kunsill biex jitnaddaf mill-pjanti tal-*castor oil* li telgħu peress li hemm ħafna żerriegħa minn tas-snin ta' qabel. Is-Sur Micallef qal li għandu jerġa jintbgħat il-Kuntrattur sabiex jitnaddaf ta' l-aħħar la ma hemmx bżonn permess tal-MEPA. Is-Sur Mercieca staqsa jekk il-*watercourse* ġietx miksura sabiex ma jaqax il-ħajt li nbena. Il-membri infurmawh li l-Perit qal li ma jridx li jmiss il-*water course* u għalhekk is-Sur Mercieca qal li l-Perit għandu jinżamm responssabli jekk jaqa' l-ħajt li nbena. Is-Sur Micallef talab lil Kunsill biex tittieħed deċiżjoni jekk għandux jitnaddaf il-wied ta' l-aħħar mill-qasab. Is-Sindku qal li fejn ma hemmx qasab mhemmx bżonn jitnaddaf iżda fejn tela' l-qasab għandu jerġa jinqala, li hu minimu ħafna. Is-Sur Farrugia jaqbel mas-Sindku. Is-Sur Mercieca jaqbel mas-Sur Micallef u kif ukoll il-Kunsill għandu jiprova li jitwessa' minn fejn jgħaddi l-ilma. Is-Sindku uża l-*casting vote* tiegħu. Il-membri qablu li s-Seg. Eżekuttiv għandha tinforma lil Perit bid-deċiżjoni tal-Kunsill u l-Perit jinforma lil Kuntrattur. Is-Sindku qal li importanti li l-Perit jieħu l-kejlijiet qabel ma tagħmel ix-xita u jingħalaq il-ħajt tat-triq malajr kemm jista' jkun.



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Centru Civiku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555



S. Boz

2.7 Rigward l-ħruġ ta' offerti għal kisi tal-bejt taċ-ċentru ċiviku u l-kisi tal-parti li baqa' fi Triq John Gaspard le Marchant għadhom ma ħarġux peress li l-Perit għadu ma bgħatx l-*ispecifications.*

2.8 Inġabet l-approvazzjoni mid-Dipartiment għal Gvern Lokali sabiex jiġi ingaġġat skrivan/a ġdid mal-Kunsill. Harġet ukoll is-sejħa interna fost il-Kunsilli u r-Reġjuni kollha ta' Malta u Għawdex u ma kien hemm l-ebda applikazzjoni. Is-Seg. Eżekuttiv issa talbet lil ETC sabiex jgħaddi l-lista' tal-persuni li qed jirreġistraw għal skrivan fuq l-ewwel parti. Rigward l-iskema li kien semma is-Sindku sabiex il-Gvern iħallas 75% tal-paga, il-Kunsill ġie infurmat b'emejl minngħand is-Sur Marcel Bonnici li din l-iskema jista' jgawdi minnha biss is-settur privat. Is-Seg. Eżekuttiv staqsiet lis-Sindku jekk iddeċiediex li jrid ikun *Chairman* tal-Bord. Is-Sindku aċċetta l-kariga ta' *Chairman.* Is-Sur Micallef informa lil preżenti li hu ma jridx jitħallas sabiex ikun fil-bord.

2.9 Rigward l-avviżi li kellhom jintbgħatu f'kull residenza rigward il-korsijiet li qed jiġu offruti tal-*lifelong learning,* wara komunikat mas-Sindku u peress li l-Kapillan kien diġa ħareġ avviż f'dan ir-rigward, dawn l-avviżi ma ntbgħatux. Is-Sindku propona li Kunsill jorganizza xi korsijiet hu bhal monasteru, ganutell u korsijiet oħra. Is-Sur Mercieca qal li għandu jsir il-kors tal-parċmina ukoll u s-Sur Farrugia propona wkoll li jsir il-*pyrography.* Is-Sur Micallef qal li l-Kunsill l-ewwel għandu jsib min ser jgħalmu u wara nibgħatu lir-residenti ħalli l-Kunsill jara x'konkorenza hemm. Is-Sur Mercieca propona li l-*pyrography* jgħalmu Salvu Grech u s-Sur Micallef propona li l-monasteru jgħallmu Marthese Mizzi.

2.10 L-Avukat Jean Paul Grech bgħat *draft* tal-ftehim lil kumpanija Green MT sabiex jiġi iffirmat bejn il-kumpanija u l-Kunsill sabiex jgħaddu s-somma ta' €2500 kif kien miftiehem waqt il-laqgħa li saret magħhom.

2.11 Inġabru tlett kwotazzjonijiet għal kiri ta' *colour photocopier.* Wara li s-Seg. Eżekuttiv tgħat spjegazzjoni tal-kwotazzjonijiet li nġabru, il-membri qablu li għandha tintgħażel dik tas-Samsung peress li hi l-aktar waħda vantaġġjuża għal prezz ta' €52.04 kera fix-xahar u prezz tal-*photocopies B/W €0.00708* u tal-kulur €0.0649.

2.12 Rigward il-mistoqsija li għamel is-Sindku sa fejn ser isir il-kisi ta' Triq l-Isptar San Giljan, is-Seg. Eżekuttiv irċieviet risposta ta' l-emejl li bgħatet minn għand il-Perit Anġlu Portelli fejn informa lil Kunsill li Triq l-Isptar San Ġiljan ser tinkesa kollha minn fejn id-Dolphin Pools sa fejn hemm diġa t-*tarmac* il-ġdid. Is-Sindku qal li hu ġibed l-

attenzjoni għax hekk kienet tghid l-offerta u għalhekk l-offerta inħarġet ħażin. Is-Sur Micallef qal li mal-ewwel qallu li ser issir kollha peress li l-Ministru afdaħ b'din il-biċċa xogħol u ser jinbidlu s-servizzi ta' l-ilma u l-Enġineer infurmaħ li jekk toħroġ il-LA jitranġa wkoll l-*maint* ta' Triq is-Sajjieda. Is-Sindku propona sabiex is-Sur Micallef jitħabat ukoll biex jiġbor il-fondi ta' l-Eco Gozo, is-Sur Micallef irrisponda li hu għamel milli setgħa iżda fakkar lis-Sindku x'kien qal id-Direttur ta' Eco Gozo u fakkru wkoll li l-Eco Gozo taw darbtejn ċans lil Kunsill biex jieħu l-fondi. Is-Sindku qal l-membri tal-Kunsill jafu li l-Kunsill minkejja li kellu l-permessi tal-MEPA, kellu għal kemm il-darba jagħmel emenda għal dan il-permess.

2.13 Rigward in-niċċa tal-Kunċizzjoni li qed tiġi rrestawrata kien hemm qbil bejn il-Perit Ivana Farrugia u l-Kuntrattur Tarcisio Xerri li x-xogħol ta' restawr jinbeda l-għada tal-Vittorja u dan peress li l-Perit ser tkun imsiefra għal xi żmien u hi infurmat lil Kunsill li n-niċċa fiha aktar minn ġimgħa xogħol u wkoll jekk issir wara l-Vittorja jitnaqqas kemm xejn l-influss tat-traffiku peress li l-*iscaffolding* jista' jkun ta' perikolu. Is-Sindku informa lis-Seg. Eżekuttiv biex tfakkar lil Perita minħabba l-kulur tal-gwerniċ tan-niċċa. Is-Sur Micallef staqsa lis-Sindku x'ser jiġri mill-*pipe* ta' l-*air condition* u dan sabiex ma jitqattax ġol ħajt sabiex il-Kunsill ma jagħmilx xogħol fil-privat. Is-Sur Mercieca ma jaqbilx li jitħaffer u jitpoġġa ġol ħajt minħabba xi *leakages* li jista' jkun hemm u ssir xi ħsara fin-niċċa. Is-Sindku staqsa rigward id-dawl tan-niċċa għandux jitwaħħal u jinxtegħel mis-sid peress li impossibli li jitpoġġa metre tad-dawl. Is-Sur Farrugia qal li jista' jiġi mqabbad ma l-*istreet lighting*. Is-Sur Micallef propona li jekk jiġi mqabbad ma l-*istreet lighting* jitpoġġew żewġ floodlights fuq ġewwa tan-niċċa.

2.14 Il-qsari tal-*pots* ta' fuq ir-*railing* inbiddlu.

2.15 Intbgħatet ittra lil Transport Malta sabiex jinġieb il-permess sabiex Triq Wied Siekel tiġi *'closed for heavy vehicles except to render a service'*.

2.16 Iż-żewġ tappieri fl-art li ilhom neqsin mill-Festa tal-Qalb ta' Gesu', is-Seg. Eżekuttiv intbgħatu l-ħaddiema tal-Kunsill jgħattuhom peress li waqgħu xi nies. Is-Sur Mercieca qal li dawk it-tappieri ser jinxtraw mill-Għaqda ta' l-Armar.

2.17 Intbgħatet ittra lil sid il-post li għandha l-*yukka* tostakola l-bankina fi Triq Kardinal Alessandro Franchi sabiex titneħħa.



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Centru Civiku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555



S. Baj

2.18 Intbgħatet ittra lil Għaqda Nar ta' l-Art tal-Fontana sabiex fi żmien 10't ijiem jitneħħew it-tankijiet ta' wara l-Knisja.

2.19 Sar rapport lil MEPA rigward il-post abbandunat li qed iżomm il-ħamiem ġo fih sabiex tinġibed l-attenzjoni lil sid il-post. Il-MEPA infurmat lil Kunsill li għandha tinġibed l-attenzjoni tal-Pulizija għax mhux kompitu tagħhom.

2.20 Kwotazzjoni għal *benkwitting tables* biex isiru l-korsijiet tal-Lifelong Learning. Il-prezz għal kull waħda hi ta' €140 mingħajr VAT. Is-Sindku propona li l-Kunsill jipprova jsib orħos u għandha tinġabar kwotazzjoni minn għand in-New Living Concept ta' Triq Papa Gwanni Pawlu II u qal lil Kunsilliera biex jekk ikunu jafu b'xi ħadd ieħor jinġabu kwotazzjonijiet oħra.

2.21 Harġet l-offerta għal servizz ta' Perit u tagħlaq fl-14 ta' Settembru 2015.

3. Mozzjonijiet f'isem il-membri

Mozzjoni Nru 11 (Dok A) imressqa mis-Sur Horace Micallef u ssekondata mis-Sur Mercieca. Is-Sur Micallef qal li rigward il-*cameras* li qed jipproponi jittieħed id-dawl u jitpoġġa l-apparat fil-kamra ta' l-ELC fir-*roundabout* peress li ser isir meter ġo fiha jew inkella ssir camera li titħaddem bis-sistema solari. Kompla jgħid li għadu kif ħareġ il-*compliance certificate* għal meter ta' l-elettriku f'din il-kamra. Is-Sindku qal li din il-kamra qegħda fil-konfini tal-Munxar. Is-Sur Micallef qal li l-Kunsill xorta jista' jagħmel xi ftehim ma ta' l-ELC. Is-Sindku qal li jekk isir dan il-ftehim jista' jsir *sub metre.* Is-Sur Micallef propona li għandu jitqabbad Perit jagħmel disinn ta' tisbiħ u l-Kunsill jara hemmx bżonn permessi mill-MEPA. Is-Sindku propona li fejn hemm il-ħajt eżistenti isir bis-sejjiegħ u qal ukoll li in-naħa tal-lvant jistgħu jitħawlu s-siġar tal-luq skond il-permess. Kien hemm qbil unanimu fuq din il-mozzjoni.

4. Ftuħ ta' l-offerta għas-servizz tal-*bulky refuse*

Infetħu l-offerti fil-preżenza tal-membri. Kien hemm biss offerta waħda dik ta' Nicholas Zammit u l-prezz li ntefa' hu ta' €6.95 kull kollezzjoni.

5. *Expression of Interest* għas-servizz ta' ġbir ta' skart separat

Is-Seg. Eżekuttiv talbet l-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill sabiex japprovaw l-*expression of interest* li ħejjiet sabiex tibgħata lil Green MT u lil Greenpak. Is-Seg. Eżekuttiv proponiet li l-*bring in sites* jitbattlu tlett darbiet fil-ġimgħa jew kull



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi tac-Centru Civiku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555



S. Bay

x'ħin jimtlew. Is-Sur Micallef qal li importanti li l-Kuntratt jiġi onorat u importanti li l-Green MT jgħaddi l-flus li huma miftehma diġa mal-Kunsill. Is-Sur Mercieca propona li fl-*expression of interest* titniżżel li tingħata borża għal kull residenza fil-ġimgħa.

6. <u>Korrispondenza</u>

6.1 Petizzjoni minn residenti ta' Triq ta' Mulejja fejn qed jilmentaw bil-ħmieġ tan-naħal li jinsabu fil-Lunzjata n-naħħa ta' Kerċem. Il-membri qablu li tintbgħat lil Pulizija biex jieħdu l-passi meħtieġa.

6.2 Korrispondenza minngħand l-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali fejn qed jitolbu sabiex meta tittella' attivita' mill-Kunsill Lokali tagħti opportunita' lil ALS Malta fejn issir l-*ice bucket challenge* bħala *fund raising.*

6.3 Risposta ta' talba li saret mill-Kunsill sabiex isir id-*double yellow line* fil-kantuniera ta' Triq Santa Dminka ma Triq Kappillan Hili fejn il-Kunsill ma ngħatax permess peress li hemm il-garaxxijiet.

6.4 Ittra minn għand il-Kappillan fejn informa lil Kunsill illi ser issir l-isports Fest fid-9 u l-10 ta' Settembru 205 bil-premjazzjoni u BBQ nhar il-11 ta' Settembru 2015 fuq iz-zuntier tal-Knsija. Għal dan il-għan talab l-għajnuna tal-Kunsill biex tittella' din l-attivita'. Il-Kunsill qabel li jinxtraw it-*trophies* bħas-snin l-imgħoddija.

6.5 Emejl mir-Reġjun t'Għawdex fejn talbu l-kollaborazzjoni tal-Kunsilli Lokali sabiex jiġu ppjantati xi siġar fuq l-Għolja ta' Għammar. Il-prezz għal kull siġra hu ta' €7.00. Il-membri qablu li l-Kunsill iħawwel żewġ siġriet.

6.6 Memo 19/2015 – Ħinijiet ta' ġbir ta' skart mill-Kunsilli Lokali fejn talbu l-kummenti tal-Kunsill dwar il-possibilita' li l-ħinijiet tal-ġbir tal-iskart ikunu differenti mill-ħinijiet tat-trasport tat-tfal tal-iskola jew il-ħinijiet ta' meta n-nies joħorġu jew jidħlu lura għax-xogħol. Is-Sindku qal li fl-opinjoni tiegħu l-ħin li jinġabar l-iskart fil-lokalita' qiegħed sew peress li dak il-ħin ma jkunx hemm influss tat-traffiku waqt li jekk jibda' jinġabar fil-għaxija tinħoloq il-problema li l-boroz taż-żibel joħorġuh minn fil-għodu. Is-Sur Micallef u s-Sur Mercieca qalu li l-boroż ta' l-iskart qed jinħarġu fil-għaxija. Il-membri qablu li l-ħinijiet ta' kif qed jinġabar l-iskart huwa sew.



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Centru Civiku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555



S. Boz

6.7 Emejl mill-koordinaturi ta' Proġett 16+ mill-Ministeru tal-Edukazzjoni fejn talbu li jużaw is-sala tal-Kunsill sabiex isiru xi intervisti mażżgħażagħ mill-lokalita' matul Settembru. Il-membri qablu.

6.8 Ilment minngħand Emanuel Grech ta' Triq ta' Mulejja fejn qed jilmenta li xi karozzi qed jipparkjaw quddiem il-garaxxijiet tal-Kunsill bil-konsegwenza li hu ma jkunx jista' joħroġ mill-garaxx tiegħu. Il-membri qablu li l-ilment għandu jgħaddi għand Transport Malta.

6.9 Memo 21/2015 – L-immaniġġjar tal-iskart elettriku u elettroniku miġbura mill-Kunsilli Lokali. Is-Seg. Eżekuttiv għandha tirrispondi li l-Kunsill ma għandu ebda kuntratt għal immaniġġjar ta' dan it-tip ta' skart.

6.10 Memo 22/2015 – Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet Kulturali għax-xahar ta' Diċembru 2015. Il-Kunsill jista' jieħu fondi sa massimu ta' €5000 għal attivita'. Is-Sur Micallef propona li l-Kunsill jista' jagħmel attivita' f'Jum il-Fontana fejn l-għajn billi tittella' attivita' tradizzjonali. Propona wkoll li din l-attivita' issir flimkien ma l-għaqda tan-nar, ma l-għaqda ta' l-armar u mal-Knisja. Il-membri qablu li għandu jsir Sotto Kumitat għal Kultura. Is-Sindku, s-Sur Micallef u s-Sur Mercieca ser jagħmlu parti minn dan is-sotto kumitat. Is-Seg. Eżekuttiv għandha tavviċina lil għaqdiet tar-raħal biex jaħtru membru biex jagħmlu parti mis-sotto kumitat.

7. <u>Approvazzjoni ta' Kontijiet</u>

Skeda Nru 28 tal-ħlasijiet ġiet approvata u ffirmata mill-membri preżenti. Il-pagament ta' Jason Gauci ġie miżmum. Is-Sindku qal li s-Sur Gauci kaħħal ir-*retaining wall* mingħajr ma kien fit-*tender* u lanqas ġie mqabbad mill-Kunsill. Huwa qal li ma jaqbilx li jitħallas peress li dan ix-xogħol ma ġiex ordnat u jinħoloq preċedament. Kompla jgħid li l-Perit kien informa lilu u lis-Seg. Eżekuttiv li l-Kunsill għandu jiddeċiedi jħallasx tat-tikħil jew le. Il-membri qablu li l-Perit jiġi nfurmat li jitnaqqas ix-xogħol ta' tikħil mill-kont.

8. <u>Materji Oħra</u>

8.1 Rigward il-LED luminaires li qed jinbidlu mill-Gvern minn fondi Ewropej. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat li kellha laqgħa l-Kunsill Lokali ta' Għajnsielem ma' l-Engineer Renzo Curmi fejn informa lis-Seg. Eżekuttivi illi bdew jinbidlu l-bozzoz tal-Qala u tan-Nadur. Il-bozoz tal-fanali dekorattivi mhumiex ser jinbidlu bl-LED. Id-dawl l-oranġjo u l-brakets ser jinbidlu kollha u x-xogħol irid ikun lest sa l-aħħar ta' Novembru. Is-


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555


S. Borg

Sur Farrugia qal li l-bozoz tas-*sodium* kollha ser jinbidlu. L-Engineer Galea Curmi qed jirikomanda illi jinżammu 10 lampi qodma u brakets milli qed jinqalgħu peress li jekk xi ħadd jitlob bozza ġdida, għandhom jintużaw il-lampi l-qodma. Is-Sur Micallef staqsa jekk tinħaraq bozza lil min issa trid tiġi irraportata. Is-Sindku wieġeb li dan għandu jiġi verifikat mar-Reġjun. Is-Sur Micallef staqsa jekk hux kompitu tal-Kunsill li jekk tinħaraq bozza tal-fanali. Is-Sindku qal li ser jistaqsi lir-Reġjun fil-laqgħa li jmiss.

*Mis-Sindku*

8.2 Is-Sindku propona li ssir Harġa għal Kemmuna lir-residenti fl-14 ta' Settembru 2015. Is-Sur Mercieca propona li s-sena d-dieħla ssir aktar kmieni.

8.3 Fl-okkażjoni tal-Festa ta' Sant' Indrija f'Hal Luqa delegazzjoni tal-Kunsill żaret din il-lokalita' fuq stedina tas-Sindku. Saret żjara fil-Kunsill Lokali u fiż-żewġ każini tal-Banda l-Unjoni u Sant Indrija. Attendew is-Seg. Eżekuttiv u l-Kunsilliera Horace Micallef u Carmel Farrugia. Ġie preżentat mis-Sindku gwerniċ b'ritratt ta' Sant'Indrija tal-Fontana lis-Sindku ta' Hal Luqa u ktieb dwar l-istorja tal-Fontana lil każini tal-Baned.

8.4 Saret ħarġa ta' jumejn fi Sqallija fejn żorna il-Belt ta' Catania, Siracusa, Taormina, Palazzo Arciede u Pantalica. Attendew 45 persuna, fosthom is-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsilliera Horace Micallef, Carmel Farrugia u Mario Mercieca.

8.5 Saret laqgħa mas-Sur Joe Attard tal-Green MT dwar il-ħlas ta' ġbir ta' skart separat. Wara diskussjoni sar qbil u ġie ffinalizzat ftehim. Attendew is-Sindku, s-Seg. Eżekuttiv u l-Kunsilliera Horace Micallef u Mario Mercieca flimkien ma Dr Jean Paul Grech l-Avukat tal-Kunsill.

8.6 Is-Seg. Eżekuttiv attendiet laqgħa dwar it-tibdil tal-LED's lumineers minn fondi Ewropej

8.7 Il-Kunsill ingħata ħaddiem ieħor biex jitwettaq xogħol fil-komunita' mill-Ministeru għal Għawdex taħt l-iskema ta' l-ETC.

8.8 Saret laqgħa mal-WasteServ fejn attendiet għaliha s-Seg. Eżekuttiv.

8.9 Il-*youth worker* Marisa Debono ser tiltaqgħa mal-ħames Żgħażagħ nhar l-14 ta' Settembru 2015 sabiex jibda' jiffunzjona l-Kunsill taż-Żgħażagħ. L-

ambaxxatur Lokali qal li trid tiltaqa' magħhom biex jintgħażel min ser ikun minnhom li qed imexxi l-Kunsill taż-żgħażagħ.

8.10 Kellu laqgħa ma' l-Avukat tal-Kunsill sabiex iressaq is-sottomissjonijiet fuq fond 189 u 190.

8.11 Ser issir ħarġa fil-5 ta' Settembru lir-residenti għal Festa ta' Santa Katarina fiż-Żurrieq.

8.12 Biex jinxtraw xtieli ġodda għal qsari ta' Triq ta' Mulejja u Triq l-Isptar San Ġiljan.

8.13 Il-ħaddiema tal-Kunsill jintbgħatu jwaħħlu l-bankijiet li hemm fil-*playing field.*

8.14 Tinbidel il-qasrija miksura fuq il-belvedere ta' Triq ta' Mulejja u jitħawlu pjanti ġodda, fit-tnejn l-oħra ukoll.

8.15 Tabella mgħafġa fi Triq il-Għajn faċċata ta' Triq il-Qalb ta' Gesu'. Is-Sur Micallef ser jieħu ħsiebha peress li taqa' taħt il-kompetenza tal-Ministeru għal Għawdex.

8.16 Is-Seg. Eżekuttiv tibgħat komunikat lid-Direttur Proġetti u Żvilupp sabiex isir *patching* bir-romblu fi Triq il-Għajn peress li hemm ħafna toqob.

8.17 L-Għajn ta' Bendu jitnaddaf sew is-saqaf u jinżebaħ bil-qatran peress li qed jagħmel l-ilma ħdejn travu minnhom. Is-Sindku talab sabiex jitkompla l-proċess tad-devoluzzjoni ta' l-Għejjun.

8.18 Biex isir qtugħ ta' ħaxix f'tarf Triq Għajn Tuta sal-Wied tal-Lunzjata.

8.19 Ġibed l-attenzjoni tal-membri li nqalgħet t-tabella tal-parkeġġ ristrett bil-ħin fil-parti t'isfel ta' Triq Sptar San Ġiljan mid-*double line* l-isfel. Il-membri qablu li għandha terġa' teħel.

8.20 Biex il-*perspex* li hemm imwaħħla fi Pjazza l-Għejjun ma waħda mill-għejjun teħel sew bil-viti peress li għandha xi viti neqsin.

8.21 Talab lil membri sabiex f'Ottubru issir ħarġa għar-residenti matul il-ġurnata u jżuru l-Aquarium Nazzjonali.

8.22 Biex tiġi ordnata il-perspex li kellha ssir ma l-għejjun, dwar ix-xogħlijiet li saru mill-Kunsill preċedenti.



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Centru Civiku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555



S. Borg

*Mis-Sur Horace Micallef*

8.23 Is-Sur Micallef staqsa jekk ix-xelter tal-Gwerra hux devolut lil Kunsill. Is-Sindku wieġeb li dan diġa intalab id-devoluzzjoni tiegħu u għadu pendenti. Is-Sur Micallef talab biex niktbu lid-dipartiment ta l-Artijiet u wara jiehu hsieb li jitkellem mad-direttur ikkoncernat. Is-Sindku qal li t-talba trid issir l-ewwel lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Il-membri qablu.

8.24 L-isem tat-triq ta' Trejqet il-Harrub hija miksura. Is-Sur Mercieca qal li hu wkoll kien ser isemmiha. Il-membri qablu li għandha tiġi ordnata oħra.

*Mis-Sur Mario Mercieca*

8.25 Ġibed l-attenzjoni tal-membri li inbidlet bozza fi Triq Kappillan Hili u kienet kulur differenti minn oħrajn. Il-membri qablu li għandha tinġibed l-attenzjoni tal-Kuntrattur.

9 <u>Aġġornament tal-Laqgħa</u>

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 30 ta' Settembru 2015 fit-3.00 ta' wara nofsinhar.

Il-laqgħa ntemmet fil-5.35 ta' fil-għaxija.

Saviour Borg
Sindku

Odette Camilleri
Seg. Eżekuttiv



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi tac-Centru Civiku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

Dok A.

Mozzjoni NRU 11

Horace Micallef
Kunsillier - Fontana

Il-Hamis 20 ta' Awwissu, 2015

**Mozzjoni għar-rijabilitazzjoni tal-Wied tax-Xlendi**

Qed inressaq din il-mozzjoni biex permezz tagħha, wara li ġie imnaddaf parti mill-Wied tax-Xlendi li hu fil-konfini tal-lokalita tagħna, insebħuh biex ma jerġax jaqa fi stat ta abbandun u jibda jiġi gawdud mill-pubbliku.

- nipproponi li nagħtuh dehra isbaħ u nirribilitaw il-post permezz ta bankijiet magħmula minn affarijiet naturali li jaqblu ma l-ambjent kif ukoll skrizzjoni informattiva bl-ispeci li jinsabu f' dan il-post.

- qed nipproponi ukoll li jigu nstallati fil-post kameras tas-sigurta biex innaqsu kemm nistgħu l-vandaliżmu u rimi ta skart illegali fl-istess post.

Horace Micallef
Kunsillier
Proponiment

Recieved 20/08/2015 at 12.30pm

mob. 9985 5122 email. micallef.horace@yahoo.com www.facebook.com/micallef.horace

S. Borg